# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 8 TA' JANNAR, 2001

*Avviz. Nru 1578/00 AJD*

Grima Communications Limited

vs

A.R.G. Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Settembru, 2000, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' package ta' reklami fuq l-istazzjoni 'Live FM' li s-socjeta' konvenuta xtrat minghand is-socjeta' attrici.
Bl-ispejjes kontra s-socjeta' l-konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn din eccepiet:

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante li l-istess socjeta' naqset milli tottempera ruhha mal-kundizzjonijiet li gew stipulati meta sar il-ftehim, u dan minghajr ebda raguni valida fil-Ligi, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi inoltre, t-talba attrici hija intempestiva ladarba qatt ma saret interpellazzjoni mis-socjeta' attrici ghall-hlas.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Ra li nonostante li s-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2001, kienet intiza sabiex jitressqu l-provi kollha tal-partijiet, is-socjeta' konvenuta naqset milli tidher u milli tipprezenta provi in sostenn tal-kontenut tar-risposta taghha.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Lyn Zahra li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR